

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

26 ta' Mejju 2011 *

Fil-Kawża C-538/09,

li għandha bħal suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2009,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn D. Recchia u A. Marghelis, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Renju tal-Belġju, irrappreżentat minn T. Materne, bħala aġent,

konvenut,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, M. Ilešič, E. Levits, M. Safjan (Relatur)
u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata'
mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- ¹ Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li, billi ma imponiex evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent xierqa fir-rigward ta' ċerti attivitajiet meta dawn l-attivitajiet jistgħu jaffettwaw sit Natura 2000 u billi ssuġġetta ċerti attivitajiet għal sistema ta' dikjarazzjoni, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora

selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102, iktar 'il quddiem id-“Direttiva habitats”).

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

- 2 Skont l-Artikolu 2(1) tagħha, id-Direttiva “habitats” għandha bħala għan li tikkontribwixxi sabiex tiġi żgurata l-bijodiversità permezz tal-konservazzjoni tal-habitat naturali kif ukoll tal-fawna u l-flora selvaġġa fuq it-territorju Ewropew tal-Istati Membri fejn japplika t-Trattat FUE.

- 3 L-Artikolu 3(1) ta’ din id-direttiva, jistipula:

“Għandu jiġi stabbilit network ekoloġiku Ewropew koerenti ta’ żoni speċjali ta’ konservazzjoni taħt l-isem ta’ Natura 2000. Dan in-network, magħmul minn siti li jħaddnu fihom it-tipi ta’ habitat naturali elenkati fl-Anness I u l-habitat ta’ l-ispeċi elenkati fl-Anness II, għandhom jippermettu li t-tipi ta’ habitat naturali u l-habitat naturali ta’ l-ispeċi konċernati jinżammu jew, fejn jixraq, jiġu ripristinati fi stat ta’ konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom.

[...]”

- 4 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva jirregola l-proċedura intiża li tistabbilixxi n-netwerk Natura 2000, kif ukoll l-għażla taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni mill-Istati Membri.
- 5 L-Artikolu 6 tad-Direttiva "habitats", li jistipula l-miżuri ta' konservazzjoni għall-imsemmija żoni, jiddisponi fil-paragrafi 2 u 3:

"2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jevitaw, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, id-deterjorament ta' l-habitat naturali u l-habitat ta' l-ispeċi kif ukoll t-tfixkil ta' l-ispeċi li għalihom ġew nominati ż-żoni, safejn dak it-tfixkil jista' jkun sinifikanti meta jitqies skond l-għanjiet ta' din id-Direttiva.

3. Kull pjan jew proġett li mhux marbut direttament ma' jew li ma hux meħtieġ għat-tmexxija tas-sit iżda li x'aktarx se jkollu effett sinifikanti fuqu, jew b'mod individwali jew inkella flimkien ma' xi pjanijiet jew proġetti oħra, għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni xierqa ta' l-implikazzjonijiet [l-effetti] tiegħu għas-sit in vista ta' l-għanjiet ta' konservazzjoni tas-sit. Fl-isfond tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet għas-sit u skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jaqblu dwar il-pjan jew il-proġett biss wara li jkunu żguraw li dan ma jaffettwax ħażin l-integrità tas-sit konċernat u, jekk xieraq, wara li jkunu raw l-opinjoni tal-pubbliku ġenerali".

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

- 6 Il-Liġi tat-12 ta' Lulju 1973 dwar il-konservazzjoni tan-natura (*Moniteur belge* tal-11 ta' Settembru 1973, p. 10306), kif emendata bid-Digriet tar-Reġjun tal-Wallonie tat-22 ta' Mejju 2008 (*Moniteur belge* tas-17 ta' Ġunju 2008, p. 31074, iktar 'il quddiem

il-“liġi dwar il-konservazzjoni tan-natura”), tinkludi l-Artikolu 28(2) li jstipula dan li ġej:

“Il-projbizzjonijiet ġenerali applikabli fi jew, f’ċerti każijiet, barra mis-siti Natura 2000 kif ukoll kull miżura preventiva ġenerali oħra li għandha tittieħed fi jew, f’ċerti każijiet barra mis-siti sabiex jiġi evitat id-deterjorament tal-habitats naturali u t-tfixkil sinjifikattiv tal-ispeċi li għalihom intgħażel is-sit, għandhom jiġu adottati mill-Gvern”.

- 7 Il-liġi dwar il-konservazzjoni tan-natura tistipula fl-Artikolu 29(2) dan li ġej:

“Kull pjan jew proġett suġġett għal permess, li, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta’ natura regolamentari tad-digriet li jagħżel sit Natura 2000, ma huwiex marbut direttament jew ma huwiex meħtieġ għall-amministrazzjoni tas-sit iżda jista’ jaffettwa lil dan is-sit b’mod sinjifikattiv, individwalment jew flimkien ma’ pjanijiet jew proġetti oħra, għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent prevista mil-leġiżlazzjoni li tirregola l-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent fir-Reġjun tal-Wallonie, fid-dawl tal-għanijiet ta’ konservazzjoni tas-sit u skont il-modalitajiet stabbiliti mill-Gvern.

[...]”

- 8 Id-Digriet tar-Reġjun tal-Wallonie tal-11 ta’ Marzu 1999 dwar il-permess ambjentali (*Moniteur belge* tat-8 ta’ Ġunju 1999, p. 21114), fil-verżjoni applikabbli għal din il-kawża (iktar ’il quddiem id-“Digriet tal-11 ta’ Marzu 1999”), jipprovdi fl-Artikolu 3 tiegħu:

“L-installazzjonijiet u l-attivitajiet għandhom jiġu kklassifikati f’taqsimiet u għandhom jitqassmu fi tliet klassijiet (klassi 1, klassi 2 u klassi 3) f’ordni dejjem jonqos tal-importanza tal-effetti tagħhom fuq il-bniedem u fuq l-ambjent kif ukoll skont il-kapaċità tagħhom li jiġu ddefiniti minn kundizzjonijiet ġenerali, settorjali jew sħaħ.

It-tielet klassi tkopri l-installazzjonijiet u l-attivitajiet li għandhom effett żgħir fuq il-bniedem u l-ambjent li fir-rigward tagħhom il-Gvern stipula kundizzjonijiet sħaħ.

[...]

Il-Gvern jista' jistipula kriterji li jippermettu lid-dikjarant jiddetermina jekk l-istabbiliment ippjanat fil-klassi 3 huwiex kapaċi jirrispetta l-kundizzjonijiet sħaħ. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-istabbiliment ippjanat jiġi kklassifikat fil-klassi 2 u d-dikjarant għandu jippreżenta applikazzjoni għal permess ambjentali fil-klassi 2. F'dan il-każ, il-Gvern għandu jiddetermina x'informazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni għal permess ambjentali”.

- 9 L-Artikolu 10(1) tad-digriet tal-11 ta' Marzu 1999 jistipula:

“Ħadd ma jista' jħaddem stabbiliment tal-klassi 1 jew tal-klassi 2 mingħajr permess ambjentali.

[...]”

- 10 L-Artikolu 11(1) ta' dan id-digriet jipprovdi:

“Ħadd ma jista' jħaddem stabbiliment tat-tielet klassi mingħajr ma jkun għamel dikjarazzjoni minn qabel.

[...]”

11 L-Artikolu 13 tal-imsemmi digriet huwa fformulat kif ġej:

“Il-kunsill komunali tal-Komun li fit-territorju tiegħu jinsab l-istabbiliment ippjanat huwa kompetenti sabiex jeżamina d-dikjarazzjonijeit u l-applikazzjonijiet għal permessi ambjentali.

[...]”

12 Id-Digriet tal-Gvern ta' Wallonie tal-4 ta' Lulju 2002 li stabbilixxa l-lista tal-proġetti suġġetti għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent u tal-installazzjonijiet u attivitajiet ikklassifikati (*Moniteur belge* tal-21 ta' Settembru 2002, p. 42502), fil-verżjoni applikabbli għal din il-kawża (iktar 'il quddiem id-“digriet tal-4 ta' Lulju 2002”), jindika fl-Artikolu 2(1) li:

“Il-proġetti suġġetti għal evalwazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent u l-installazzjonijiet u l-attivitajiet ikklassifikati huma elenkati fil-lista li tinsab fl-Anness I ta' dan id-digriet”.

13 L-Anness I tad-Digriet tal-4 ta' Lulju 2002 jelenka ċertu numru ta' proġetti, installazzjonijiet jew attivitajiet li ma humiex suġġetti għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, li fosthom il-Kummissjoni ssemmi speċifikament fir-rikors tagħha l-proġetti, l-installazzjonijiet jew l-attivitajiet li ġejjin:

— kull bini jew kull infrastruttura oħra mhux koperta mit-taqsim 01.20.01.01 li kapaċi jakkomodaw 4 sa 500 animal għall-attivitajiet ta' tkabbir jew tħaxxin, li jaqgħu taħt is-settur tal-agrikoltura, ta' animali tal-ifrat ta' 6 xhur u iktar, fit-taqsim 01.20.01.02.01;

- il-ħażna ta' ċereali, qamħ u prodotti oħra tal-għalf sfużi jew f'sajlos, bl-eċċezzjoni tat-tiben u l-ħuxlief, b'kapaċità ta' iktar minn 50 m³, fit-taqsima 01.49.01.01;

- l-installazzjonijiet ta' distribuzzjoni ta' fjuwil tal-idrokarbur likwidu bi flashpoint ta' iktar minn 55 °C u ta' inqas minn jew ta' 100 °C, għal vetturi bil-mutur, għal finijiet kummerċjali għajr għall-bejgħ lill-pubbliku, bħad-distribuzzjoni tal-fjuwil tal-idrokarbur intiż biex jintuża għal grupp ta' vetturi mmaniġjati separatament jew f'isem min jimmaniġja, b'mhux iktar minn żewġ distributuri tal-fjuwil u sakemm il-kapaċità ta' ħażna tal-post fejn jinħażen il-fjuwil tal-idrokarbur tkun oġhla minn jew ta' 3 000 litru u inqas minn 25 000 litru, fit-taqsima 50.50.01, u

- unità ta' trattament tal-ilma individwali ta' inqas minn jew ta' 20 ekwivalenti ta' popolazzjoni, fit-taqsima 90.11.

Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-proċedura prekontenzjuża

- ¹⁴ Matul is-sena 2006, il-Kummissjoni rċeviet ilment fejn ġie rrapportat l-użu irregolari ta' maqjel industrijali għall-baqar li jinsab fit-territorju tal-Komun ta' Philippeville, fir-Reġjun ta' Wallonie (il-Belġju), li jikkonfina mas-sit Natura 2000 imsejjaħ "Bassin de Fagnard de l'Eau blanche en aval de Mariembourg", magħżul bħala żona speċjali ta' konservazzjoni.
- ¹⁵ Il-persuna li lmentat semmiet fl-ilment id-deterjorament kbir tal-ambjent ta' dan is-sit Natura 2000 minħabba l-ħmieġ li kien qed joħroġ mill-maqjel inkwistjoni, li, fil-fehma tagħha, kien qed jhedded diversi speċi msemmija fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 98) u fl-anness tad-Direttiva "habitats".

- 16 B'ittra tat-23 ta' Awwissu 2006, il-Kummissjoni stiednet lir-Renju tal-Belġju jibagħtilha l-osservazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-osservanza tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva "habitats".
- 17 Fid-dawl tar-risposta mogħtija mir-Renju tal-Belġju, il-Kummissjoni kkunsidrat li, fir-realtà, il-leġiżlazzjoni Belġjana ma kinitx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats" peress li ma kinitx timponi evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent u kienet tipprovdi għal sistema ta' dikjarazzjoni għal ċerti attivitajiet meta dawn setgħu jaffettwaw sit Natura 2000.
- 18 Wara li, fit-23 ta' Marzu 2007, intimat lir-Renju tal-Belġju sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, il-Kummissjoni, fis-6 ta' Mejju 2008 bagħtet opinjoni motivata lil dan l-Istat Membru, li fiha stednitu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu ma' din l-opinjoni fi żmien xahrejn minn meta jirċeviha.
- 19 Fil-11 ta' Lulju 2008, ir-Renju tal-Belġju wieġeb din l-opinjoni motivata billi sostna li l-azjenda agrikola li dwarha kienet oriġinarjament tqajmet il-kwistjoni fil-frattemp kienet ġiet mgħammra b'impjant għat-trattament tal-ilma u ma baqax jintrema ilma maħmuġ fis-sit Natura 2000. Dan l-Istat Membru żied li l-liġi fuq il-konservazzjoni tan-natura issa kienet tinkludi l-Artikolu 28(2), riprodott fil-punt 6 ta' din is-sentenza, u li digriet li jimplementa din id-dispożizzjoni kien fil-proċess tal-adozzjoni finali.
- 20 Wara "package meeting" li nżamm bejn ir-Renju tal-Belġju u l-Kummissjoni fis-17 ta' Marzu 2009, dan l-Istat Membru, fil-5 ta' Mejju 2009, ikkompleta r-risposta tiegħu għall-opinjoni motivata billi ta informazzjoni fuq id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari adottati mir-Reġjun ta' Wallonie sabiex jiġi evitat kull riskju ta' ħsara għall-ambjent.

- 21 Peress li kkunsidrat li dawn id-dispożizzjonijiet ma jippermettux li jiġi żgurat li jkun hemm evalwazzjoni sistematika tal-effetti fuq is-sit protett, kif meħtieġ mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva “habitats”, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.

Fuq ir-rikors

L-argumenti tal-partijiet

- 22 Il-Kummissjoni tenfasizza li b’mod konformi mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva “habitats”, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jawtorizzaw it-twettiq ta’ pjan jew ta’ proġett biss wara li jkunu wettqu evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, li għandha turi l-impatt reali jew potenzjali tal-pjan jew tal-proġett fuq is-sit protett.
- 23 Meta kriterji ta’ esklużjoni ta’ kategorija ta’ pjanijiet jew ta’ proġetti ma jkunux biżżejjed biex jiggarantixxu b’ċertezza li l-pjanijiet jew il-proġetti kkonċernati ma humiex ser ikollhom effetti dannużi sinjifikattivi għal dak li jirrigwarda l-integrità tas-sit protett, tali evalwazzjoni għandha, skont il-Kummissjoni, issir sistematikament.
- 24 F’dan il-każ, mill-Artikolu 29(1) tal-Liġi dwar il-konservazzjoni tan-natura jirriżulta li l-pjanijiet jew il-proġetti li ma humiex suġġetti għal permess ambjentali, fosthom il-kategoriji ta’ pjanijiet u proġetti suġġetti għal sempliċi dikjarazzjoni mal-amministrazzjoni Komunali, ma jeħtiġux evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent.

- 25 Din l-esklużjoni mill-obbligu li ssir tali evalwazzjoni għall-pjanijiet u l-proġetti suġġetti għal sistema ta' dikjarazzjoni ma hijiex ibbażata fuq kriterju oġġettiv. Fil-fatt, dejjem jibqa' possibbli li l-attivitajiet li jkunu taħt il-limiti stabbiliti mid-digriet tal-4 ta' Lulju 2002 ikollhom impatt sinjifikattiv fuq is-sit ikkonċernat.
- 26 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għall-attivitajiet u l-installazzjonijiet imsemmija fil-punt 13 ta' din is-sentenza u tindika li maqjel ta' 500 annimal tal-ifrat jista' jkollu, minħabba l-ħmieġ li joħroġ minnu, effetti fuq sit partikolari, minkejja li dan il-ħmieġ jista' ma jkollux effett fuq xi sit ieħor.
- 27 Fir-replika tagħha l-Kummissjoni żżid li, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-possibbiltà li l-istabbilimenti jiġu ttrasferiti mit-tielet għat-tieni klassi, il-ħames paragrafu tal-Artikolu 3 tad-digriet tal-11 ta' Marzu 1999 jifta' din ir-responsabbiltà fuq id-dikjarant, filwaqt li, b'mod konformi mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats", huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom jivverifikaw, permezz ta' studju xieraq, li l-pjanijiet u l-proġetti ma jagħmlux ħsara lill-integrità tas-sit ikkonċernat. Barra minn hekk, mill-ħames paragrafu tal-Artikolu 3 tal-imsemmi digriet, jirriżulta li t-trasferiment mit-tielet għat-tieni klassi huwa marbut mal-impossibbiltà li jiġu osservati l-kundizzjonijiet sħaħ u mhux mar-riskju sostnut minn sit Natura 2000.
- 28 Barra minn hekk, il-projbizzjonijiet ġenerali msemmija fl-Artikolu 28(2) tal-Liġi dwar il-konservazzjoni tan-natura jaqgħu taħt l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva "habitats", li ma jikkonċernax l-obbligu li ssir evalwazzjoni tal-effetti fuq is-sit għal proġett ġdid. Konsegwentement, l-imsemmi Artikolu 28(2) ma huwiex biżżejjed sabiex jiżgura traspożizzjoni tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats".

- 29 Ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-kontrolli li saru mid-dipartimenti tiegħu ma wrew ebda impatt negattiv tal-maqjel imsemmi fl-ilment fuq is-sit Natura 2000 imsejjaħ “Bassin de Fagnard de l’Eau blanche en aval de Mariembourg”.
- 30 B’mod iktar ġenerali, mill-Artikolu 3 tad-Digriet tal-11 ta’ Marzu 1999 jirriżulta li t-tielet klassi ta’ stabbilimenti, suġġetta għal sistema ta’ dikjarazzjoni, tinkludi fiha, minnha nnifisha, l-installazzjonijiet u l-attivitajiet li għandhom impatt żgħir fuq il-bniedem u fuq l-ambjent.
- 31 Barra minn hekk, it-tħaddim ta’ installazzjoni jew ta’ attività tat-tielet klassi jimplika li jiġu osservati d-dispożizzjonijiet tal-kodiċi tal-ambjent kif ukoll il-kundizzjonijiet sħaħ stipulati għal kull settur ta’ attività. Dawn il-kundizzjonijiet sħaħ huma intiżi biex jitnaqqas l-impatt fuq l-ambjent u sabiex jiġi evitat li tiġi kkawżata ħsara lis-siti Natura 2000.
- 32 Barra minn hekk, meta r-Reġjun ta’ Wallonie fasslet il-lista ta’ attivitajiet jew installazzjonijiet ikklassifikati, hija wettqet studju fuq l-attivitajiet li jistgħu jkollhom effetti fuq l-ambjent, u ttieħdu inkunsiderazzjoni l-kriterji stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta’ Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta’ ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248).
- 33 Sabiex jitnaqqas kull riskju ta’ ħsara għall-ambjent riżultanti minn sitwazzjoni imprevedibbli, id-Digriet tal-11 ta’ Marzu 1999 jipprovi wkoll għall-possibbiltà ta’ bidla fil-klassi fir-rigward ta’ stabbiliment tat-tielet klassi, jekk dan ma jkunx f’pożizzjoni li josserva l-kundizzjonijiet sħaħ applikabbli għalih. F’dak il-każ, id-dikjarant ikollu jippreżenta applikazzjoni għal permess ambjentali għat-tieni klassi u l-awtorità kompetenti tista’ abbażi tal-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni għal permess, tiddeċiedi li timponi evalwazzjoni tal-effetti tal-istabbiliment fuq is-sit Natura 2000 ikkonċernat.

- 34 L-Artikolu 28 tal-Liġi dwar il-konservazzjoni tan-natura jikkostitwixxi l-aħħar aspekk tal-protezzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 28(1) jipprovdi li kull operatur huwa marbut bil-projbizzjoni ġenerali li jikkawża deterjorament fil-habitats naturali u li jfixkel l-ispeċi li għalihom intgħażlu s-siti Natura 2000. Għal dak li jirrigwarda l-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu 28, dan jippermetti lill-gvern ikopri, permezz ta' miżuri ġenerali, l-attivitajiet kollha li jista' jkollhom impatt fuq siti Natura 2000. Din id-dispożizzjoni ġiet implementata mid-Digriet tal-Gvern ta' Wallonie tat-23 ta' Ottubru 2008 li jstabbilixxi miżuri preventivi ġenerali applikabbli għas-siti Natura 2000 (*Moniteur belge* tas-27 ta' Novembru 2008, p. 62636) kif ukoll mid-Digriet tal-Gvern ta' Wallonie tat-23 ta' Ottubru 2008 li jstabbilixxi ċerti modalitajiet tas-sistema preventiva applikabbli għas-siti Natura 2000 (*Moniteur belge* tas-27 ta' Novembru 2008, p. 62644).
- 35 Jekk l-applikazzjoni flimkien ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li jiżguraw protezzjoni effettiva tas-siti Natura 2000, tirriżulta insuffiċjenti, il-Gvern ta' Wallonie dejjem ikollu l-possibbiltà jadotta miżuri ġenerali ta' protezzjoni applikabbli barra mis-siti Natura 2000, li jissupplimentaw dawk li jikkonċernaw is-siti stess.
- 36 Fil-kontroreplika tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jenfasizza li l-uniku limitu għall-applikabbiltà tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats" huwa n-nuqqas eventwali ta' effetti sinjifikattivi fuq iż-żoni speċjali ta' konservazzjoni. L-awtoritajiet Belġjani kkonformaw ruħhom ma' dan l-approċċ permezz tal-Artikolu 3 tad-Digriet tal-11 ta' Marzu 1999.
- 37 Fir-rigward tal-possibbiltà li l-istabbilimenti tat-tielet klassi jiġu ttrasferiti għat-tieni klassi, l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni hija żbaljata, peress li d-dikjarant għandu jibbaża ruħu fuq kriterji ddeterminati mill-Gvern ta' Wallonie sabiex jikkonstata li l-istabbiliment ikkonċernat huwa suġġett għal permess ambjentali u mhux għal dikjarazzjoni. Għal dak li jirrigwarda l-argument li l-imsemmi trasferiment jiddependi mill-osservanza tal-kundizzjonijiet sħaħ, ir-Renju tal-Belġju jispeċifika li, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni Belġjana, stabbiliment tat-tielet klassi li josserva l-kundizzjonijiet

sħaħ applikabbli għalih ma jkollux effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent jew ikollu ftit effetti fuqhom.

- 38 B'hekk, ir-Renju tal-Belġju ttraspona b'mod korrett l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats" billi stabbilixxa sistema ta' evalwazzjoni xierqa tal-effetti tal-attivitajiet kollha li jista' jkollhom impatt negattiv fuq sit protett.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 39 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats" jissuġġetta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni xierqa tal-effetti ta' pjan jew ta' proġett għall-kundizzjoni li jkun hemm probabbiltà jew riskju li dan il-pjan jew dan il-proġett jaffettwa s-sit ikkonċernat b'mod sinjifikattiv. Meta jiġi kkunsidrat b'mod partikolari l-prinċipju ta' prekawzjoni, tali riskju jeżisti meta ma jistax jiġi eskluż, abbażi ta' elementi oġġettivi, li l-imsemmi pjan jew proġett jaffettwa s-sit ikkonċernat b'mod sinjifikattiv (aras-sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging, C-127/02, Ġabra p. I-7405, punti 43 u 44; tal-20 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-6/04, Ġabra p. I-9017, punt 54, kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-418/04, Ġabra p. I-10947, punt 226).
- 40 L-evalwazzjoni tar-riskji għandha ssir b'mod partikolari fid-dawl tal-karatteristiċi u l-kundizzjonijiet ambjentali speċifiċi tas-sit ikkonċernat minn tali pjan jew minn tali proġett (ara s-sentenzi Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging, iċċitata iktar 'il fuq, punt 49, kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-179/06, Ġabra p. I-8131, punt 35).
- 41 Barra minn hekk, il-kundizzjoni li għaliha hija suġġetta l-evalwazzjoni tal-effetti ta' pjan jew ta' proġett fuq sit partikolari li timplika li, f'każ ta' dubju rigward in-nuqqas ta'

effetti sinjifikattivi, hemm lok li ssir tali evalwazzjoni, ma tippermettix li jiġu eżentati mill-evalwazzjoni ċerti kategoriji ta' proġetti fuq il-bażi ta' kriterji mhux adatti sabiex jiġi ggarantit li dawn ma jistgħux jaffettwaw is-siti protetti b'mod sinjifikattiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-98/03, Ġabra p. I-53, punt 41).

- 42 Fil-fatt, il-possibbiltà ta' eżenzjoni ġenerali ta' ċerti attivitajiet skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, mill-ħtieġa tal-evalwazzjoni tal-effetti fuq is-siti ikkonċernat, ma hijiex tali li tiggarantixxi li dawn l-attivitajiet ma jaffettwawx b'mod ħażin l-integrità tas-siti protetti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar ' il fuq, punti 43 u 44, u tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, C-241/08, Ġabra p. I-1697, punt 31).
- 43 B'hekk, l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats" ma jistax jawtorizza lil Stat Membru jadotta regoli nazzjonali li permezz tagħhom, b'mod ġenerali, ikun jista' jiġi evitat l-obbligu tal-evalwazzjoni tal-effetti fuq is-siti tal-proġetti ta' żvilupp jew minħabba l-ammont żgħir tal-ispejjeż previsti jew minħabba l-oqsma ta' attività speċifiċi ikkonċernati (ara s-sentenza tas-6 ta' April 2000, Il-Kummissjoni vs Franza, C-256/98, Ġabra p. I-2487, punt 39).
- 44 Bl-istess mod, jekk jeżenta sistematikament il-programmi u l-proġetti ta' xogħlijiet jew żvilupp suġġetti għal sistema ta' dikjarazzjoni, mill-proċedura ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq is-siti, Stat Membru jkun qed jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar ' il fuq, punt 62).
- 45 Konsegwentement, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, bħala regola, Stat Membru, skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats", ma jistax jeżenta, b'mod sistematiku u ġenerali, lil ċerti kategoriji ta' pjanijiet u ta' proġetti mill-obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti tagħhom fuq is-siti Natura 2000, skont il-qasam ta' attività jew billi tiġi stabbilita sistema ta' dikjarazzjoni.

- 46 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li, f'dan il-każ, għandu jiġi eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet adottati mir-Renju tal-Belġju humiex konformi mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats".
- 47 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 29(2) tal-Liġi dwar il-konservazzjoni tan-natura jipprovdi li kull pjan jew kull proġett suġġett għal permess, li jista' jaffettwa sit Natura 2000 b'mod sinjifikattiv, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet u ma' proġetti oħrajn, għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni tal-effetti prevista mil-leġiżlazzjoni li tirregola l-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent fir-Reġjun ta' Wallonie.
- 48 Fl-istess ħin, id-Digriet tal-11 ta' Marzu 1999 jistipula li l-attivitajiet u l-installazzjonijiet tat-tielet klassi għandhom sempliċement ikunu s-suġġett ta' dikjarazzjoni minn qabel quddiem il-Kunsill Komunali tal-Komun li fit-territorju tiegħu jinsab l-istabbiliment ipplanat.
- 49 Minn dawn id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien il-Kummissjoni tiddeduċi li l-attivitajiet u l-installazzjonijiet tat-tielet klassi ma humiex suġġetti għal permess u, konsegwentement, ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni tal-effetti tagħhom fuq sit Natura 2000, ħaġa li ma hijiex ikkontestata mir-Renju tal-Belġju.
- 50 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għall-Anness I tad-Digriet tal-4 ta' Lulju 2002 li jispeċifika liema huma l-proġetti, l-installazzjonijiet jew l-attivitajiet li ma humiex suġġetti għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, fosthom dawk elenkati fil-punt 13 ta' din is-sentenza, li jaqgħu taħt it-tielet klassi.
- 51 Konsegwentement, ir-Renju tal-Belġju stabbilixxa sistema ta' dikjarazzjoni li teżenta lil ċerti attivitajiet u installazzjonijiet, b'mod ġenerali, mill-obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti tagħhom fuq sit Natura 2000. Dan l-Istat Membru b'hekk jippreżumi li l-pjanijiet u l-proġetti suġġetti għal din is-sistema ta' dikjarazzjoni ma jistgħux jaffettwaw b'mod sinjifikattiv sit protett.

- 52 F'ċirkustanzi bħal dawn, meta Stat Membru jistabbilixxi sistema ta' dikjarazzjoni, li b'hekk ma tipprovdi għal evalwazzjoni tar-riskju abbażi b'mod partikolari tal-karatteristiċi u l-kundizzjonijiet ambjentali tas-sit ikkonċernat, huwa dan l-Istat Membru li għandu juri li d-dispożizzjonijiet li huwa adotta jippermettu li jiġi eskluż, abbażi ta' elementi oġġettivi, li kull pjan jew kull proġett suġġett għal din is-sistema ta' dikjarazzjoni jaffettwa sit Natura 2000 b'mod sinjifikattiv, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet jew ma' proġetti oħra (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32).
- 53 Fil-fatt, jista' jiġi dedott mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats" li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu ma jkunux marbutin bl-obbligu li jwettqu evalwazzjoni tal-effetti ta' pjan jew proġett li ma huwiex direttament marbut ma' jew meħtieġ għall-amministrazzjoni ta' sit Natura 2000 biss jekk ikun jista' jiġi eskluż, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, li dan il-pjan jew dan il-proġett jaffettwa l-imsemmi sit b'mod sinjifikattiv, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet jew ma' proġetti oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging, punt 45, kif ukoll Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, punt 238).
- 54 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, ir-Renju tal-Belġju jirreferi għall-Artikolu 3 tad-digriet tal-11 ta' Marzu 1999, li jipprovdi li s-sistema ta' dikjarazzjoni tikkonċerna biss l-installazzjonijiet u l-attivitajiet li għandhom impatt żgħir fuq il-bniedem u fuq l-ambjent, li fir-rigward tagħhom il-gvern adotta kundizzjonijiet sħaħ.
- 55 Madankollu, għandu jitfakkar li anki proġett żgħir jista' jkollu effetti notevoli fuq l-ambjent meta jkun jinsab f'post fejn il-fatturi ambjentali bħall-fawna u l-flora, l-art, l-ilma, il-klima jew il-patrimonju kulturali jkunu sensitivi għall-inqas bidla (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tad-Direttiva 85/337, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-392/96, Ġabra p. I-5901, punt 66).

- 56 Għaldaqstant, Stat Membru ma jistax jassumi li ċerti kategoriji ta' pjanijiet jew ta' proġetti, iddefiniti minn oqsma ta' attività u installazzjonijiet speċifiċi, ser ikollhom impatt żgħir fuq il-bniedem u fuq l-ambjent.
- 57 Fit-tieni lok, ir-Renju tal-Belġju jindika li, meta r-Reġjun ta' Wallonie fassal il-lista tal-attivitajiet jew tal-installazzjonijiet ikklassifikati, huwa wettaq studju fuq l-attivitajiet li jista' jkollhom effetti fuq l-ambjent, filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni l-kriterji stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 85/337.
- 58 Għandu jiġi kkonstatat li r-Renju tal-Belġju ma pproduċiex dan l-istudju. Fi kwalunkwe każ, hekk kif tirrileva l-Kummissjoni, għall-kuntrarju ta' dak li jeżiġi l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats", tali studju minn qabel, b'mod partikolari, ma jistax jippermetti li jiġu previsti, bħala regola, l-effetti eventwali ta' pjan jew ta' proġett, flimkien ma' pjanijiet u ma' proġetti oħra, fuq sit partikolari.
- 59 Fit-tielet lok, ir-Renju tal-Belġju jsostni li, b'mod konformi mad-Digriet tal-11 ta' Marzu 1999, meta stabbiliment ippjanat tat-tielet klassi ma jkunx jista' josserva l-kundizzjonijiet sħaħ applikabbli għalih, jiġi ttrasferit għat-tieni klassi. L-awtorità kompetenti, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mid-dikjarant fl-applikazzjoni għal permess ambjentali għat-tieni klassi, b'hekk tkun tista' tiddeċiedi li timponi evalwazzjoni tal-effetti tal-istabbiliment ippjanat fuq is-sit Natura 2000 ikkonċernat, fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni ta' dan is-sit.
- 60 Madankollu, ir-Renju tal-Belġju la pproduċa d-dispożizzjonijiet tal-kundizzjonijiet sħaħ fir-rigward tal-installazzjonijiet u l-attivitajiet imsemmija mill-Kummissjoni u lanqas ma pproduċa l-kriterji li jippermettu lid-dikjarant jiddetermina jekk l-istabbiliment ippjanat tat-tielet klassi huwiex f'pożizzjoni li josserva dawn il-kundizzjonijiet sħaħ. Dan l-Istat Membru lanqas ma jispjega b'liema mod, b'mod

konkret, dawn id-dispożizzjonijiet ipattu għan-nuqqas ta' evalwazzjoni xierqa tal-effetti tal-pjanijiet jew tal-proġetti li jistgħu jaffettwaw b'mod sinjifikattiv is-sit protett.

- 61 Fir-raba' lok, ir-Renju tal-Belġju jinvoka d-dispożizzjonijiet li jimplementaw l-Artikolu 28(2) tal-Liġi dwar il-konservazzjoni tan-natura li, fi kwalunkwe każ, tiżgura protezzjoni effettiva tas-siti Natura 2000 fir-Reġjun ta' Wallonie.
- 62 Madankollu, dan l-Istat Membru jagħti biss ir-referenzi taż-żewġ Digrieti tal-Gvern ta' Wallonie tat-23 ta' Ottubru 2008 msemmija fil-punt 34 ta' din is-sentenza, mingħajr ma jeżamina l-kontenut tagħhom jew jispjega għalfejn dawn id-digrieti huma, fil-fehma tiegħu, biżżejjed sabiex jiżguraw it-traspożizzjoni tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats".
- 63 Fil-ħames lok, ir-Renju tal-Belġju jsemmi wkoll l-obbligu li jiġi osservat il-odiċi tal-ambjent iżda ma jispeċifikax, b'mod konkret, b'liema mod id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kodiċi, moqrija flimkien mal-kundizzjonijiet ġenerali, huma xierqa biex jiżguraw il-ħarsien tal-ambjent.
- 64 Mis-suespost jirriżulta li r-Renju tal-Belġju ma pproduċiex provi li jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet li adotta humiex biżżejjed sabiex jiġi eskluż, abbażi ta' elementi oġġettivi, li kull pian jew proġett suġġett għas-sistema ta' dikjarazzjoni jaffettwa sit Natura 2000 b'mod sinjifikattiv, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet jew ma' proġetti oħra.
- 65 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li r-rikors tal-Kummissjoni huwa fondat.

- 66 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, għandu jiġi kkonstatat li, billi ma imponiex fir-rigward ta' ċerti attivitajiet, suġġetti għal sistema ta' dikjarazzjoni, evalwazzjoni tal-effetti ambjentali xierqa meta dawn l-attivitajiet jistgħu jaffettwaw sit Natura 2000, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "habitats".

Fuq l-ispejjeż

- 67 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li tiflef għandha tbatli l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Renju tal-Belġju tilef, hemm lok li huwa jiġi kkundannat għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Billi ma imponiex fir-rigward ta' ċerti attivitajiet, suġġetti għal sistema ta' dikjarazzjoni, evalwazzjoni tal-effetti ambjentali xierqa meta dawn l-attivitajiet jistgħu jaffettwaw sit Natura 2000, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.

2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Firem